MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 46/2000/1

**Dr. Ivan Gatt f'isem u ghan-nom**
**tas-socjeta' estera Hotel Christina (SARL)**

**Vs**

**Alfonso Sant ezercenti l-kummerc taht l-isem Sant Travel**
**u b'digriet tal-1 ta' Marzu, 2000 gew kjamati in kawza Edward u Maria Anna konjugi Spiteri**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l**-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sitta u tletin elf disa' mija u erba' Franki Francizi u disgha u erbghin centimes (Frs.36904.49), rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici;

Peress illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju, 1999, il-konvenut ghalkemm debitament notifikat ma rrisponda xejn u baqa' hekk inadempjenti;

Peress illi l-ammont fuq imsemmi huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-attur il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghmel ghat-talba attrici;

Jghid il-konvenut in vista tal-premess ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur hawn anness:

Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tletin elf disa' mija u erba' Franki Francizi u disgha u erbghin centimes (Frs.36904.49), jew is-somma ekwivalenti f'Liri Maltin, rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata t-30 ta' Lulju, 1999 u interessi legali sal-gurnata ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Ivan Gatt bhala mandatarju u rapprezentanti tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 17 tal-process fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili Kap. 16.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dana stante illi d-debitu allegat mill-attur nomine mhux dovut mill-konvenut izda minn Edward Spiteri, u ghalhekk l-esponenti, se mai, jitlob il-kjamata in kawza tal-istess Edward Spiteri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza** Edward u Maria Anna mizzewgin Spiteri a fol. 22 tal-process fejn eccepew:

Illi l-kjamati fil-kawza kellhom relazzjonijiet guridici unikament mal-konvenut Alfonsu Sant nomine u dana dejjem thallas skond il-ftehim li l-eccipjenti kellhom mieghu. Anzi l-eccipjenti hargu l-flus huma meta kien imisshom gew sborzati mil-konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat **in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza a fol. 224** fejn eccepixxa li fil-konfront tal-konvenut li mieghu biss hu kellu relazzjonijiet guridici, l-pretensjoni tal-konvenut hija preskritta fl-eghluq ta' sena u dana skond lt-termini ta' l-artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-kawza tirrigwarda talba ghal hlas ta' somma flus dovuta lis-socjeta` estera Hotel Christina SARL mill-konvenut. Il-konvenut sejjah fil-kawza lill Edward Spiteri billi qed jippretendi li l-ammont mitlub hu dovut minnu. Il-kjamat fil-kawza izda qed jikkontendi li hu m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici imma mal-konvenut biss u lill konvenut hu kien hallsu kollox.

Is-socjeta` attrici tirritjeni illi hija kreditrici tal-konvenut fis-somma ta’ sitta u tletin elf, disa’ mija u erba’ Franki Francizi u disgha u erbghin centimes (Frs.36904.49). Il-konvenut Sant ghalkemm jichad illi l-ammont hu dovut minnu ma jichadx illi dan l-ammont ghadu dovut. L-istess jinghad ghall-kjamat in kawza Spiteri li ma jichadx illi l-ammont huwa fil-fatt dovut izda mhux minnu. Is-socjeta` attrici resqet provi sufficjenti sabiex tispjega kif waslet ghas-somma mitluba u ghalhekk il-Qorti qed taccetta illi s-socjeta` attrici ghandha tithallas l-ammont mitlub. Il-Qorti trid tiddecidi issa min hu responsabbli ghal hlas ta’ l-ammont mitlub.

## Preskrizzjoni

Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ sena fil-konfront ta’ l-attur noe. Il-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghaliex fit-30 ta’ Lulju 1999 giet prezentata ittra ufficjali li permezz taghha is-socjeta` attrici itterrompiet it-terminu preskrittiv. Inoltre jirrizulta mill-provi u mill- korrispondenza li kien hemm trattativi bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut fejn dan ghalkemm ma kienx qed jichad li l-ammont hu dovut qal li ma kienx dovut minnu. L-accettazzjoni tal-konvenut li jittratta mal-attur noe dwar l-ilment tieghu u sahansitra joffrilu ftehim jimplika rinunzja ghall-preskrizzjoni (anke jekk gja akkwisita) in kwantu hija inkompatibbli mal-intenzjoni li jipprezervaha u jopponiha (Sec 2109 Kodici Civili u sentenzi Camilleri vs Borg 21.3.59; Borg vs Nobbli M. Testaferrata Bonici; M. C. Demarco vs G. Zammit 11.6.43 u Troplong Della Prescrizione).

## Relazzjoni giuridika

Ir-rizoluzzjoni tal-vertenza prezenti tiddependi filli jigi stabbilit in-natura tar-rapport guridiku bejn il-partijiet.

Din il-kawza titratta dwar tours illi saru minn Malta ghal Lourdes f’Awissu 1998. Sant Travel kien ghamel l-arrangamenti kollha mehtiega mas-socjeta’ attrici u

socjetajiet ohra sabiex il-kjamat in kawza Edward Spiteri seta` jtella tliet grupp ta’ pellegrini gewwa Lourdes.

L-arrangament bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza kien illi l-konvenut ihallas lill-Airmalta, lill-kumpanija tal-assikurazzjoni u lil-lukanda, imbaghad il-kjamat in kawza ihallas lill-konvenut. Dan l-arrangament huwa kkonfermat mix-xiehda taz-zewg partijiet.

Ghalkemm jidher li Spiteri ma kienx sempliciment *tour leader* imma kien qed jorganizza dawn it-tours huwa stess, huwa qatt ma kellu jhallas direttament lill-fornituri tas-servizz. Hekk kien il-ftehim ta’ bejn il-partijiet. Infatti, il-kontijiet kienu johorgu kollha f’isem Sant Travel, (ara Dok fol 28-30; u 55-57) dan kien ihallashom, u Spiteri kien ihallas lilu.

Il-lukanda ma kienitx eccezzjoni u kellu jhallasha Sant. Kif tohrog mix-xiehda, is-socjeta’ attrici kienet taf illi Spiteri kien qed imexxi dawn it-*tours* izda r-relazzjoni guridika tas-socjeta` attrici kienet biss ma Sant. Ghalhekk kien Sant li kellu jhallas lis-socjeta` attrici. Jekk Sant kien qed iservi biss ta’ front ghal Spiteri dan ma kienx relevanti ghas-socjeta’ attrici. Hija kellha kuntratt esklussivament ma’ Sant, u li Sant kien beda jhallas minnu. Huwa waqaf ihallas meta skond il-konvenut Spiteri ma hallsux l-ammont kollu dovut skond il-fattura li nhargitlu f’Dicembru 1998. Izda dan kien kuntratt separat. F’din is-sitwazzjoni, Sant kellu jhallas lis-socjeta’ attrici u imbaghad ifittex il-hlas minghand Spiteri jekk huwa deherlu li dan kien ghad ghandu jaghtih. Il-kjamat fil-kawza jghid li hu hallas kollox. Ma setax il-konvenut ma jonorax l-obbligi tieghu lejn il-Hotel Christina SARL minhabba nuqqas ta’ qbil bejnu u Spiteri.

Il-konvenut qed jargumenta li s-socjeta’ attrici kienet taf bl-arrangament li kien hemm bejnu u l-kjamat fil-kawza u li dan ta’ l-ahhar kien responsabbili ghal hlas. Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Fil-fatt ma jirrizultax pruvat li s-socjeta’ attrici kienet taf x’qed jigri bejn il-konvenut u l-kjamat fil-kawza u huwa ovvju illi r-relazzjoni bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut kienet wahda diretta u s-

socjeta' attrici ma kellha ebda relazzjoni guridika mal-kjamat fil-kawza.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-Qorti m'ghandiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tal-eccezzjoni ulterjuri tal-kjamat fil-kawza prezentata a fol 224.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tletin elf disa' mija u erba' Franki Francizi u disgha u erbghin centimes (Frs.36904.49), jew is-somma ta' elfejn, tlett mija u erbgha' u hamsin lira Maltin, l-ekwivalenti f'Liri Maltin fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' akkomodazzjoni rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez ghall konvenut, u bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-gurnata ta' l-effettiv pagament.

Tillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju spejjes ghall kjamat fil-kawza;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------